MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF
## ABIGAIL LOFARO

Seduta tat-12 ta' Lulju, 2012

Rikors Numru. 292/2012

**AB**
**vs**
**CD**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat li permezz tieghu ir-rikorrenti ippremetta:

1. Illi r-rikorrenti u l-konvenuta CD izzewgu fis-sitta u ghoxrin (26) ta’ Mejju tas-sena elf disa’ mija erbgha u tmenin (1984), kif jidher mic-certifikat taz-zwieg hawn mehmuz u immarkat bhala Dokument A;
2. Illi mill-istess unjoni twieldu zewgt itfal, T u S, ahwa B, li llum il-gurnata t-tnejn m’ghadhomx minuri;
3. Illi z-zwieg ta’ bejn il-partijet tkisser irremedjabilment;
4. Illi l-partijiet isseparaw legalment fil-15 ta’ Dicembru tas-sena 2000 wara li lahqu ftehim bejniethom ghal

separazzjoni bonarja fejn kwistjonijiet ta’ access, kustodja u manteniment tat-tfal kif ukoll kwistjonijiet relatati mas-separazzjoni tal-beni tal-partijet gew indirizzati, hekk kif jidher mill-att ippubblikat min-Nutar Dottor Christine Abela, kopja awtentikata ta’ liema qieghda tigi hawn mehmuza u mmarkata bhala Dokument B;

5. Illi l-partijiet ghadhom sa llum il-gurnata ma rrikonciljawx u ma hemm l-ebda tama jew prospett ta’ rikconciljazzjoni fil-futur;

6. Illi r-rikorrent jirrispetta l-obbligi tieghu ghall-hlas tal-manteniment lill-konvenuta skont il-kuntratt ta’ separazzjoni ta’ bejniethom u m’hemm ebda kwistjonijiet pendenti bejniethom;

Talab, ghar-ragunijiet fuq imsemmija, li l-intimata tghid ghaliex din il-Qorti m’ghandhiex skont dawk il-kundizzjonijiet li jidhrilha xieraq u opportuni :

1. Tiddikjara z-zwieg ta’ bejn il-partijiet, li sehh fis-26 ta’ Mejju 1984, bhala zwieg mahlul (divorzju) ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi (Art. 66A, Kap. 16);

2. Tordna lir-Registratur tal-Qorti sabiex fiz-zmien hekk prefiss minn din l-Onorabbli Qorti javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet sabiex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku (Art. 66A, Kap. 16);

Rat id-digriet taghha tat-18 ta’ Mejju, 2012;

Rat id-dokumenti kollha li gew esebiti;

Semghet lill-intimata tixhed bil-gurament taghha;

Rat l-Artikolu 66 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi ir-rikorrenti irnexxielu jissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul; u dana peress illi ipprova illi l-partijiet ilhom legalment separati mill-15 ta’

Dicembru tas-sena 2000 u illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta’ rikonciljazzjoni bejn il-partijiet;

Illi ir-rikorrenti ipprova ukoll illi huwa dejjem irrispetta l-obbligi tieghu ghall-hlas ta’ manteniment lill-intimata u illi ulied il-partijiet illum il-gurnata ma ghadhomx minuri;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet  fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa’ t-talbiet, tiddikjara iz-zwieg ta’ bejn il-partijiet bhala mahlul u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez ikunu bla taxxa bejn il-partijiet;

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------